**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu, 2020**

**Talba Nru: 149/2019 PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**David Camilleri (K.I. 565194(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, elfejn u dsatax (2019) illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u disgha u sittin euro u disgha u sebghin centezmu (€569.79) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11008221 fuq talba u a beneficcju tal-intimat u dana kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha giet annessa u mmarkata Dok. X1, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz, inkluza il-fattura mahruga mis-socjeta` attrici lill-konvenut (Dok. X1) u l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (Dok X2).

Ra li fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2020 deher il-konvenut li ta ruhu b'notifikat bl-avviz u wara li gie imwissi mit-Tribunal li huwa fl-ahjar interess tieghu illi jqabbad avukat tal-fiducja tieghu, iddikjara li huwa m'ghandu ebda htiega ghal dak peress li qed jaqbel li s-somma mitluba ta' €569.79 hija dovuta minnu. Qal ukoll li huwa jkun f'posizzjoni li jhallas l-imsemmija somma permezz ta' pagamenti mensili ta' madwar hamsin euro (€50).

Ra li madanakollu fis-seduta ta' wara l-konvenut ma deherx u t-Tribunal gie infurmat mill-avukata tas-socjeta` attrici li la kien saru pagamenti u lanqas kien intalhaq xi ftehim bejn il-partijiet.

Ra l-kapitlu ghas-subizzjoni tal-konvenut li gie prezentat mis-socjeta` attrici u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih..

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra anke tenut kont tal-ammissjoni tal-istess konvenut. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono u mill-fattura relattiva ezebita in atti. L-imghaxijiet ghandhom madanakollu jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-avviz odjern a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili** u cioe` mid-data tat-12 ta' Frar, 2020 f'liema data l-konvenut ta ruhu b'notifikat bl-atti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' hames mija u disgha u sittin euro u disgha u sebghin centezmi (€569.79) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular bil-kont numru 1.11008221 fuq talba u a beneficcju tal-konvenut, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-12 ta' Frar, 2020 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.A. (Melit) M.Phil.**